MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 537/1996/1

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar ir-rikors presentat mill-appellata fid-9 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu talbet li fil-

mori ta’ dana l-appell hija tigi awtorizzata tippresenta provi u dokumenti godda in sostenn tat-talba taghha (talba – sabiex jigi dikjarat li gew lezi d-drittijiet taghha protetti bl-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni – li giet in parti milqugha mill-Prim Awla tal-Qorti Civili bis-sentenza taghha tad-19 ta’ Jannar, 1999). Din it-talba saret originarjament b’mod verbali quddiem din il-Qorti, diversament komposta, fit-12 ta’ Gunju, 2002. Din il-Qorti, kif dak iz-zmien komposta, kienet stiednet lill-appellata biex tifformalizza t-talba taghha fi zmien xahar bil-visto jew notifika tal-kontro-parti, li nghatat xahar zmien ghal risposta. Ir-rikors, kif inghad, gie ppresentat fid-9 ta’ Lulju, 2002, izda kien biss fis-7 ta’ Novembru, 2002 li dana gie notifikat lill-kontro-parti. L-appellanti Avukat Generali u Kummissarju ta’ l-Artijiet opponew it-talba permezz ta’ nota presentata fit-23 ta’ Dicembru, 2002. Wara d-debita trattazzjoni da parti tal-partijiet, il-kawza thalliet ghal provvediment dwar l-imsemmija talba kontenuta fir-rikors imsemmi tad-9 ta’ Lulju, 2002.

L-appellata qed tibbaza t-talba taghha fuq l-Artikolu 208(1)(b) tal-Kap. 12, li jipprovdi li ebda xhud li ma jkunx ingieb fil-Qorti ta’ l-ewwel grad ma jista’ jingieb fl-appell hlief, *inter alia*, *“meta, bil-gurament jew b’mezzi ohra jigi pruvat li l-parti li trid iggib ix-xiehda ta’ dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setghatx, bil-mezzi li taghti l-ligi, iggib dak ix-xhud fil-qorti ta’ l-ewwel grad…”*. Ir-rikors hu mahluf mill-istess appellata li, fl-istess rikors, tipprova tiggustifika t-talba taghha billi tghid li dawn il-provi u xhieda godda *“…jirreferu ghal fatti u uzu li sar mill-post [de quo] wara li nghatat is-sentenza in kwistjoni…”* u li ghalhekk hija *“…ma setghetx tkun taf bihom qabel l-istess sentenza…”.*

L-ewwel oggezzjoni tal-kontro-parti hi fis-sens li t-talba ghall-provi u xhieda godda hi irritwali peress li dak li kellu jigi pruvat ghall-finijiet tat-talba kif kontenuta fir-rikors promotur migjub quddiem l-ewwel Qorti kienu fatti u cirkostanzi kif kienu sal-mument li fih gie intavolat l-imsemmi rikors promotur.

Din il-Qorti, wara li ezaminat (limitatament ghall-finijiet tar-rikors tad-9 ta' Lulju, 2002) l-atti ta' din il-kawza, inkluza s-sentenza li issa qed tigi appellata mill-intimati, ma tarax kif tista' takkolji t-talba tar-rikorrenti appellata. Jibda biex jinghad li l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 208 tal-Kap. 12 huwa intiz ghal dawk il-provi li kienu jezistu fiz-zmien meta l-kawza kienet quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad izda li, jew il-parti ma kienitx taf bihom, jew ma setghetx bil-mezzi li taghti l-ligi – jigifieri minhabba xi impediment legali – iggibhom a konjizzjoni ta' dik il-Qorti ta' l-ewwel grad. *Ex admissis* il-provi li l-appellata trid issa ggib quddiem din il-Qorti mhux biss ma kienux jezistu fil-mument meta gie intavolat ir-rikors promotur, izda jirreferu proprju ghal dak li l-appellata ssejjah bhala *"…uzu izjed intensifikat kummercjali tal-fond in kwistjoni…"* li sehh mid-data tas-sentenza 'l hawn. Din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, hi msejha principalment biex tara jekk l-ewwel Qorti, bil-provi li kellha quddiemha – u li, bhala regola, ikunu provi li jirreferu ghal fatti kif kienu meta gie intavolat ir-rikors promotur – kienitx korretta, legalment u/jew fattwalment li tasal ghall-konkluzjoni li effettivament waslet ghaliha. Huwa veru li jista' eccezzjonalment ikun hemm fatti u cirkostanzi li javveraw ruhhom wara d-data tar-rikors promotur, u xi minn daqqiet anke wara d-data tas-sentenza ta' l-ewwel grad, li jistghu jincidu materjalment fuq l-ezitu tal-kawza, izda provi godda dwar dawn il-fatti u cirkostanzi ghandhom, se mai, jigu kkunsidrati taht il-paragrafu (d) tal-imsemmi subartikolu 1 tal-Artikolu 208, u mhux taht il-paragrafu (b). Pero` r-regola tibqa' li dak li jrid jigi ppruvat mir-rikorrent jew mill-attur biex jirnexxi hija s-sitwazzjoni kif kienet fil-mument tal-presentata tar-rikors promotur, u mhux dak li gara wara, wisq anqas dak li gara wara li tkun inghatat is-sentenza appellata. Dan huwa wkoll is-sens ta', u l-ispirtu wara, il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 206, li jipprovdi li *"Meta smigh tal-kawza jinghalaq ma tista' tinghata l-ebda xiehda ohra, hlief ghal raguni gusta u bil-permess tal-qorti."* Il-buon sens jiddetta li ghandu jkun hemm terminu ghall-presentata tal-provi, u mhux kollox jibqa' "open ended" bhalma qed tippretendi l-appellata.

Ghal kull buon fini jinghad li din il-Qorti ezaminat it-talba kontenuta fir-rikors tad-9 ta’ Lulju, 2002 anke fid-dawl tal-paragrafu (d) appena msemmi, u fil-fehma taghha ma tarax li l-provi godda li trid iggib l-appellata huma mehtiega jew utili fid-dawl ta’ kif svolgew l-affarijiet sal-lum.

Ghall-motivi premessi, tichad it-talba tal-appellata kontenuta fir-rikors taghha tad-9 ta’ Lulju, 2002 u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------